MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 919/2014

**Roberto Bonnici u martu Theresa Bonnici, rispettivament bin-numri tal-karta tal-identita` 490273M u 201573M**

**vs**

**Eva Kasa, detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 16008(L)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat;

Rat li l-intimata prezenti ma resqitx eccezzjonijiet dwar it-tielet talba attrici, invisto tal-verbal tallum;

**<u>IKKONSIDRAT:</u>**

Ikkonsidrat wara li semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, li billi l-perjodu lokatizzju skada fl-1 ta' Ottubru 2014, u l-intimata vvakat il-fond izjed minn xahar wara, f'liema perjodu giet intavolata din il-kawza, l-intimata ghandha wkoll tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Billi dawn il-proceduri saru a tenur tal-Art 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet tal-Malta, u billi jirrizulta li m'hemmx kontestazzjoni fuq il-kreditu pretiz, il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent.

Rifferribbilment ghall-kap tal-ispejjez:

Ikkonsidrat li permezz ta' din il-kawza ir-rikorrent talab l-izgumbrament tal-intimata mill-fond in kwistjoni li qed tokkupa minghajr titolu validu, kif ukoll il-kundanna taghha tal-hlas tas-somma likwidata fir-rikors guramentat;

KONKLUZZJONI:

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tastjeni milli tiehi konjizzjoni tat-tieni talba attrici, peress li jirrizulta li l-intimata ghaddiet il-pussess vakanti fl-10 ta' Novembru 2014;

3. Tilqa t-tielet talba attrici u tiddikjara li r-rikorrent huwa kreditur tal-istess intimata fl-ammont ta' elf, tlett mija u tliet u tletin ewro u sebgha u sittin centezmu (€1,333.67), ghall-ispejjez u bilanc ta' kera kif premessi fir-rikors guramentat, u tikkundanna lill-istess intimata biex thallas lir-rikorrent din l-imsemmija somma flimkien ma l-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------